Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' April 2025**
**(OR. en)**

**6370/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0801(NLE)**

**INST 41**
**CMPT 2**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri<br>- Adozzjoni |

1. Skont l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-lista tal-membri tal-Qorti tal-Awdituri mfassla f'konformità mal-proposti magħmulin minn kull Stat Membru, għal mandat ta' sitt snin.

2. It-tiġdid parzjali attwali tal-Qorti tal-Awdituri jinvolvi membru wieħed. Il-mandat tas-Sur Viorel ŞTEFAN ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2025[1].

3. Il-Gvern Rumen ippropona li s-Sur Lucian ROMAŞCANU jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri, minflok is-Sur Viorel ŞTEFAN, mill-1 ta' Lulju 2025[2].

4. Fit-12 ta' Frar 2025, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur Lucian ROMAŞCANU bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri.

[1] 10276/24.
[2] 5958/25.

5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar dik il-ħatra fl-1 ta' April 2025.

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar id-Deċiżjoni li taħtar il-membru propost tal-Qorti tal-Awdituri, kif tinsab fid-dokument 6374/25, u biex jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.